kbir l-aktar għall-Edukazzjoni ta' pajjiżna, imma nittamaw li Dr. Laferla jagħmel mill-aħjar li jista' biex l-Ilsien Malti jdaħħlu fil-klassijiet *kollha* tal-Liċew u ta' l-Iskejjel l-oħra Sekondarji.

"IL-MALTI"

Ħaġa oħra l-"Għaqda" sabet ta' twegħir ma' wiċċha: il-ħruġ tar-rivista tagħha "il-Malti" f'dawn iż-żmenijiet mill-agħar tal-lum. Għandi naħseb li kulħadd jifhem liema taħbit iltqajt miegħu biex komplejt noħroġ dir-rivista: darba min-nhom kellha toħroġ b'għadd doppju ta' 40 paġna. Il-kitba, kemm proża kemm ukoll poeżija, ma għamlet qatt għajb lil dik li dehret fil-ħarġiet tas-snin ta' qabel—u hekk nittama li tibqa' sejra. Dan ifisser li la l-bombi, la n-nar u lanqas il-biża' tal-mewt li tinsab imdendla fuq rasna l-ħin kollu, ma jeqirdu dik ix-xrara ta' kitba li tinsab tixgħel bil-qawwa tagħha kollha fil-qalb tal-kittieba tal-Malti.

REDIFFUSION—B.B.C.

Ħafna mill-kittieba tal-"Għaqda" tagħna kellhom dis-sena xi xogħlijiet tagħhom imxandrin minn fuq ir-Rediffu-sion u dan l-aħħar ukoll mill-B.B.C. Dan sar bil-ħidma u l-ħeġġa tal-"Għaqda tal-Malti (Università)" li mhijiex ħlief waħda mill-fergħat qawwija u b'saħħithom li ħarġu mill-"Għaqda" tagħna.

IMSEĦBIN AKKADEMIĊI MEJTA

Il-"Għaqda" wkoll ġarrbet telf kbir bil-mewt ta' erba' msieħbin akkademiċi tagħha. L-ewwel kienet it-telfa ta' Dr. Ġużè Micallef, L.L.D., wieħed mill-membri ewlenin tal-"Għaqda" u wieħed mill-aqwa filoloġi li qatt kellu l-Ilsien Malti. Imbagħad, bħal sajjetta fil-bnazzi, waslitilna l-aħbar tal-mewt tat-tabib Ġużè Bonnici. Ħabrieki, ħaddiemi, dejjem ħsiebu fil-ġid li jista' jagħmel lill-Ilsien Malti, hu ma kien jegħja qatt fil-ħidma siewja u fejjieda li kien qabad fil-ħruġ ta' kotba bil-malti, rumanzi u poeżija, li nafu biżżejjed b'liema mod għollew u kabbru l-letteratura ta' pajjiżna. Il-ħidma tiegħu kienet kbira daqs kemm kbira kienet imħabbtu lejn l-Ilsien Malti. Il-baħħ li ħalla wrajh it-tabib Bonnici mhux la kemm jimtela. Smajna wkoll bil-mewt ta' Feliċ Mifsud Bonnici, li kien wieħed mill-imsieħbin xjuħ u minn dawk li ħadmu fl-ewwel snin tal-"Għaqda"; u, ftit tax-xhur ilu,



bħal warda li tqaċċtet meta kienet għadha kemm bdiet turi ġmielha u tarmi l-fwieħa tagħha, hekk tqaċċtet il-ħajja żagħ-żugħa tal-Professur Kan. G. Theuma-Relf, vittma ta' l-ewwel attakk aħrax mil-*Luftwaffe*.

IR-REBĦA

Bil-ħila u bil-ħidma wtieqa li dejjem tat il-"Għaqda" tagħna, l-Ilsien Malti mexa 'l quddiem ħafna, daħal fl-iskej-jel kollha u l-lum jista' jiftaħar li għandu l-Professur tiegħu fl-Università li hu wkoll wieħed mill-aħjar u mill-aktar membri ħabrieka tal-"Għaqda". Għalkemm iż-żmien li ġej jidher imsaħħab ġmielu, u jista' jfisser il-qerda ta' lsienna u ta' dan ix-xogħol kollu li għamilna, imma bit-tama tagħna f'Alla, fil-qawwa tan-nazzjon li qed tħarisna, u fil-ħila u s-saħħa li qed turi Malta, ma għandniex naħsbu li dan is-sħab iswed li għaddej minn fuq gżiritna ma jgħibx darba għal dejjem, b'rebħa kbira għalina.

Ġużè Chetcuti.

# Lwien

X'isir minnhom il-lwien tal-qawsalla
Xħin għajjiena mid-dehra tal-bliet,
Terġa' tidħol mnejn darba tkun ħarġet
Fil-palazz kollu dawl tas-smewwiet?

X'isir minnhom il-lwien minn tal-fjuri
Meta fl-aħħar tħallina r-rebbiegħa,
U fil-wied u fl-għelieqi u fil-ġonna
Il-ward jibda jitbiel ma' kull siegħa?

X'isir minnhom il-lwien tal-għasafar
Meta jaqgħu għajjiena mill-ħajja,
U fis-saltna ħanina tal-qabar
Tmut u tiskot għalihom kull ġrajja?

* * *

Jekk jintilfu dal-lwien ftit jimporta
Kieku tista' int treġġa' s-sbuħija
Tal-lwien ħomor li kellek fuq wiċċek
Meta bistni fil-jiem taż-żgħużija.

Ġorġ Pisani